MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**GRIXTI GIOVANNI LL.D., LL.M.**

Seduta ta' 18 ta' Ottubru, 2002

Numru. 47/1999
Kawza Numru. 7

**Il-Pulizija**
**(Spt. Antonello Grech)**

**- vs -**

**Emanuel Gauci**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Emanuel Gauci, ta’ 25 sena, imwieled Victoria bil-karta tal-identita’ numru 23273 (G), kif riportati a fol wiehed tal-process bil-mod segwenti:

Billi inti akkuzat talli fil-5 ta’ Awissu, 1995, f’Ghawdex bil-mezz ta’ karta miktuba, sew jekk anonima kemm jekk tkun iffirmata bl-isem tieghu nnifsu jew b’isem mahluq, heddidt lil James Cardona minn Kercem b’delitt.

Akkuzat ukoll talli sar recediv b'sentenzi li saru definittivi u li ma jsitghux iktar jigu mhassra.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali tat-2 ta' Marzu, 2000 skond l-artikolu 370 (3) sabiex l-imputat ikun iggudikat minn din il-Qorti ghal dak li hemm mahsub fl-artikoli 249, 49 u 50 tal-Kap 9;

Rat illi l-imputat irregistra in-nuqqas ta' oggezzjoni tieghu sabiex il-kaz tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja u dan skond il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Ottubru 1999;

Semghet il-provi bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

In vista tal-ammissjoni, din il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 249, 49 u 50 tal-Kap 9;

Wara li rat ix-xhieda migjuba mid-difiza dwar il-karattru tal-imputat u l-andament fir-riabilitazjoni tieghu, tqis illi piena karcerarja mhix indikata fic-cirkostanzi fejn jidher illi l-kaz tal-imputat huwa esperiment li sa issa rnexxa u dan wara diversi kawzi li llum ghaddew in gudikat u li ghalihom il-Qorti kienet applikat l-provvedimenti tal-ligi dwar il-probation jew sentenza sospiza. Filwaqt illi huwa ttamat li din kienet l-ahhar okkazzjoni fejn l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti, tilliberah bil-kondizzjoni ma jaghmilx rejat iehor ghal zmien xahar mil-lum. Oltre dan tobligah ma jimmolestax lill-James Cardona minn Kercem fuq penali ta' hamsin lira Maltin multa fin-nuqqas ghal-zmien sena mil-lum skond skond l-artikolu 383 tal-Kap 9 kif impost mis-subartikolu 3 tal-artikolu 249.

In vista tal-fatt illi din il-Qorti investiet hafna zmien fir-rijabilitazzjoni ta' l-imputat u tal-fatt illi f'dan l-istadju qed tevita kwalsiasi element estraneju li jista' b'xi mod itellef minn dan l-andament posittiv, tordna d-divjet tal-

publikazzjoni ta’ isem l-imputat jew kwalsiasi indizzju li jista’ iwassal ghall-identita’ tieghu.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur